**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2017

**Avviz Numru: 359/2016 AM**
**Numru fuq il-Lista: 16**

**Fahrenheit Freight Forwardes Company Limited (C-17421)**
**'Famalco', Triq il-Pitkali,**
**Attard**
**Vs**
**Eurorient Malta Limited (C - 62130)**
**45/7, Strait Street,**
**Attard**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-02 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet minghand is-Socjeta' konvenuta is-somma ta' elfejn, hames mija u tnejn u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,542.96c) ghal servizzi rezi lis-Socjeta' konvenuta mis-Socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-

termini preskritt mil-liġi u lanqas hadd ma deher ghan-nom tal-istess Socjeta' konvenuta għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha li r-rapprentant tas-Socjeta' attrici jiddikjara li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' elfejn, hames mija tnejn u erbghin ewro u sita u disghin centezmu (€2,542.96c) oltre l-imghax legali mid-data tal-invoices sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' l-ittra ufficjali a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**